

# Ir-rwol effettiv tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex (2)

*Joseph Borg*

### Il-politika u n-negozju

Semmejna l-politika u semmejna n-negozju. Bħala Kamra ma nistgħux ma nkunux grati lejn l-appoġġ li qed insibu mill-Ministeru għal Għawdex (fil-persuna tal-Ministru Justyne Caruana). Il-Kamra dejjem sabet l-appoġġ minn kull min kien fit-tmexxija tal-Ministeru għal Għawdex sa mit-tnissil tal-Kamra għoxrin sena ilu. U minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min appoġġjana f'dawn is-snin kollha.

Ir-relazzjoni bejn il-politika u n-negozju qed tiġi u trid tiġi diskussa anki fid-dawl ta' dak li ġara f'pajjiżna dan l-aħħar. Isimgħu ftit parir li ngħata lil wieħed li kien ħiereġ għall-elezzjoni. Nikkwota: "Għandek tixħet attenzjoni speċjali fuq l-għaqdiet li jirrappreżentaw lin-negozjanti. Għandek issir taf min huma l-mexxejja ta' dawn il-gruppi, li m'għandhiex tkun diffiċli għalik għax m'hemmx numru kbir. Agħmel ħbieb ma' dawn il-mexxejja u urihom li inti lest taħdem għalihom. Dan jgħin immens lill-kampanja elettorali tiegħek, għaliex dawn il-mexxejja mbagħad jiġbru aktar votanti għalik, iħeġġu aktar nies għal warajk, imexxu l-aħbarijiet li tixtieq int u hekk tidher aħjar ma' kulħadd".[1]

Din is-silta hija meħuda minn ittra li nkitbet bil-Latin, bl-isem *Commentariolum petitionis* jew "Kif għandek tirbaħ l-elezzjoni"! Inkitbet fis-sajf tas-sena 64 QK minn Quintus Tullius Cicero lil ħuh Marcus Tullius, magħruf minna llum bħala Ċicerun, li kien ħiereġ għall-elezzjoni ta' konslu ta' Ruma. Min jaqra din l-ittra kollha jintebaħ kemm f'elfejn sena ma nbidel xejn, għax il-politika minn dejjem kellha bżonn in-negozju bħalma n-negozju dejjem għandu bżonn il-politika.



Għar-Rumani s-sistema addottata mill-Griegi li kull raġel kellu vot wieħed kienet twassal għal *mob rule*. Fis-sistema Rumana l-voti kienu jinħadmu fuq bażi ta' gruppi, imma kif rajna, xorta waħda l-vot kollox u għall-vot kien isir kollox. Sakemm il-mexxejja politiċi tagħna jibqgħu jiddependu mill-vot personali, ma tlumhomx li jaħdmu biex jirbħu l-voti. Imma għal darb'oħra nistaqsu: m'hemmx limitu għas-sistema ta' pjaċiri? Fuq kollox, u hawn niġu fejn din is-sistema qed tolqotna fil-laħam il-ħaj: għaliex għadna ma hedejniex inqassmu l-impjiegi komdi mal-Gvern? Kif jista' s-settur privat jikkompeti fis-suq tax-xogħol ma' istituzzjoni bħall-Gvern, li donnu jista' jippermetti li persuna anqas biss tidher fuq il-lant tax-xogħol, jew li tagħmel dan għal ftit ħin biss? U x'jiġrilu l-politiku li jipprova jrażżan dan il-*laissez faire*? Jispiċċa ma jitlax fl-elezzjoni. Din hija l-ġustizzja? Dan is-sewwa? Dan etikament korrett?

U l-istess fin-negozju tagħna f'Għawdex u Malta. Kif nistgħu aħna li nimmanifatturaw lokalment, kif nistgħu aħna li nbigħu lokalment, nikkompetu ma' ditti barranin jew persuni oħra lokali li qed idaħħlu prodotti b'mod li jiskapulaw kompletament ir-reġim tal-VAT? Kif jistgħu d-ditti tagħna jikkompetu ma' ditti oħra, speċjalment barranin, li jħallsu interessi aġevolati jew taxxi aġevolati fl-istess suq? Din hija l-ġustizza? Dan is-sewwa? Dan etikament korrett?

Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li aħna għandna bżonn il-protezzjoni tal-politiċi b'leġislazzjoni li tħares in-negozju lokali. Kultant il-leġislazzjoni tasal ukoll, imma fejn hu l-*enforcement*?

Imma allura kollox ħażin, kollox mudlam? Assolutament mhux hekk, imma ż-żmien li għaddejjin minnu jnessina mill-kisbiet kollha li saru għaliex qed naraw ħafna affarijiet li ksibna jtiru mar-riħ. Ejjew inqawwu qalbna. Ejjew nagħmlu kuraġġ u nifhmu li ma nistgħux nibqgħu siekta fejn naraw li l-affarijiet mhux sejrin sew. Fuq kollox għalhekk ġiet imwaqqfa l-Kamra għoxrin sena ilu. Biex titkellem, biex tagħti s-saħħa lil membri bil-proposti tagħha, biex tippromovi lil Għawdex u n-negozji li hu jħaddan, biex tagħti servizz lill-komunità kollha Għawdxija.

## Iż-żgħażagħ tagħna

Is-sena l-oħra l-Kunsill tal-Kamra ddeċieda li jibda jorganizza attivitajiet li jinteressaw lill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Bdejna fl-aħħar tas-sena u ser inkomplu matul din is-sena. Għaliex dan? Għax nemmnu li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tista' tagħti ħajja ġdida kemm lin-negozju u kemm lit-tmexxija politika tal-pajjiż.

Min hu familjari mal-filosfu Grieg Aristotli jaf li kien ħareġ bit-terminu *tabula rasa*.[2] Bħal meta għandek *blackboard* miktub bil-ġibs u ħassartu, ġibtu nadif. Bħal meta trid tibda mill-ġdid, tinsa l-passat, u tħares lejn il-futur b'moħħ miftuħ, mingħajr preġudizzju.



Fid-dawl ta' dan xtaqt, biex nagħlaq, naqsam magħkom il-konklużjoni ta' ktieb li qrajt dan l-aħħar. Fil-fatt hu l-aħħar ktieb li ħareġ Andrea Camilleri, il-kittieb Sqalli li wara ħajja ddedikata għat-teatru, għadda għall-kitba. Il-ktieb jismu *Ora dimmi di te. Lettera a Matilda*.[3] Ktieb ħelu immens fejn Camilleri jirrakkonta lin-neputija tiegħu Matilda l-istorja ta'






ħajtu. Fil-konklużjoni jispiċċa billi jagħti parir liż-żgħażagħ, inkluż lil Matilda. Jistedinhom biex jagħmlu *tabula rasa* mill-ideat u l-konvinzjonijiet preżenti u – nikkwota – "jerġgħu jagħtu lill-politika l-etika li tilfet, jagħtu sens differenti u ġdid lill-ħajja ta' bejnietna, iqajmu lil pajjiżna mhux biss ekonomikament imma jagħtuh ħajja u saħħa msejsa fuq ideali ġodda. Jien ċert li t-tama tiegħi isseħħ", jispiċċa.

Jien dan li nawgura lilna lkoll, kemm dawk li huma xi ftit kbar, bħali, u lil dawk li għadhom igawdu ż-żgħożija. Ċertament il-Kamra tagħna hija waħda mill-aktar żagħżugħa li hawn f'din is-sala. Dawn huma l-awguri tiegħi lilkom li kontu hawn magħna llejla, u lill-Kamra tagħna f'għeluq l-għoxrin sena tagħha. Jalla jkollna l-enerġija li niġġeddu, li nagħtu ħajja ġdida lilna nfusna, lill-Kamra tan-Negozju tagħna, lil Għawdex u lil Malta tagħna.

** It-tieni u l-aħħar parti ta' diskors li sar nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2020, fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz.*

---

1 Ara Quintus Tullius Cicero, *How to win an election. An Ancient guide for modern politicians*, trans. Philip Freeman, Princeton University Press 2012, 51.
2 L-ewwel li jissemma t-terminu *tabula rasa* huwa fil-ktieb *De Anima* ta' Aristotli, c.350 QK.
3 Ara Andrea Camilleri, *Ora dimmi di te. Lettera a Matilda*, Bompiani 2018, 103-104.

